Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0452(COD)

17.1.2024

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online
(COM(2023)0777 – C9-0437/2023 – 2023/0452(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Birgit Sippel

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 20

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online
(COM(2023)0777 – C9-0437/2023 – 2023/0452(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0777),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0437/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (XXXX)

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (COM(2023)797 final)
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa-1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-obbligi ta' rapportar tal-fornituri, b'mod partikolari biex jiġu żgurati l-leġġibbiltà mill-magni u l-aċċessibbiltà faċli tar-rapporti, jenħtieġ li jiġi armonizzat il-format tal-pubblikazzjoni għar-rapporti skont l-Artikolu 3(1)(f)(vii) tar-Regolament 2021/1232.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' trasparenza u responsabbiltà, u biex ikun jista' jsir rapportar komprensiv u komparabbli, jeħtieġ li jiġu stabbiliti

mudelli fir-rigward tad-dettalji tar-rapporti li l-forniturи tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri jenħtieġ li jippubblikaw u jissottomettu lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni dwar l-ipproċessar ta' data personali skont ir-Regolament 2021/1232.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Sabiex ikun jista' jsir skrutinju effettiv fuq l-ipproċessar tad-data personali, il-forniturи tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri jenħtieġ li jużaw il-mudell u l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament meta jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2021/1232.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fid-dawl tar-rapport ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Diċembru 2023 (COM(2023)797) u biex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, jenħtieġ li d-definizzjonijiet li ma għadhomx rilevanti jitħassru mir-Regolament 2021/1232. Peress li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jinkludix is-sollečitazzjoni tat-tfal, jenħtieġ li d-definizzjoni tagħha titħassar.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 4b (ġdida)
Regolament (UE) 2021/1232
Premessa 16

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4b) Fil-Premessa 16 tar-Regolament (UE) 2021/1232, it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:
(16) It-tipi ta' teknoloġiji użati għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu l-inqas intrużivi possibbli għall-privatezza f'konformità mal-oqħla livell ta' żvilupp tekniku. Jenħtieġ li dawk it-teknoloġiji ma jintużawx għall-iffiltrar u l-iskennjar sistematiċi ta' test f'komunikazzjonijiet għajr biss biex jiġu identifikati xejriet li jindikaw elementi konkreti possibbli ta' suspett ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u ***jeħtieġ*** li ma ***ikunux*** jistgħu jiddeduċu s-sustanza tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet. ***Fil-każ ta' teknoloġija użata għall-identifikazzjoni ta' sollečitazzjoni tat-tfal, tali raġunijiet konkreti ta' suspett jenħtieġ li jkunu bbażati fuq fatturi ta' riskju identifikati b'mod oġġettiv bħad-differenza fl-età u l-involviment probabbli ta' xi tifel jew tifla fil-komunikazzjoni skennjata.***	(16) It-tipi ta' teknoloġiji użati għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu l-inqas intrużivi possibbli għall-privatezza f'konformità mal-oqħla livell ta' żvilupp tekniku. Jenħtieġ li dawk it-teknoloġiji ma jintużawx għall-iffiltrar u l-iskennjar sistematiċi ta' test f'komunikazzjonijiet għajr biss biex jiġu identifikati xejriet li jindikaw elementi konkreti possibbli ta' suspett ta' abbuż sesswali tat-tfal online, u ***jenħtieġ*** li ma ***jkunux*** jistgħu jiddeduċu s-sustanza tal-kontenut tal-komunikazzjonijiet.

Or. en

(32021R1232)

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 4c (ġdida)
Regolament (UE) 2021/1232
Premessa 21

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4c) Fil-Premessa 21 tar-Regolament (UE) 2021/1232, it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:
(21) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa skont id-deroga previsti minn dan ir-Regolament, il-fornituri jenħtieġ li sat-3 ta' Frar 2022, u minn hemm 'il quddiem sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, jippubblikaw u jissottomettu rapporti lill-awtorità superviżorja kompetenti dežinjata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 ("awtorità superviżorja") u lill-Kummissjoni. Tali rapporti jenħtieġ li ***jkopru,***l-ipproċessar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż it-tip u l-volumi tad-data pproċessata, il-motiv speċifiku li jiġi invokat għall-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679, il-motiv li jiġi invokat għat-trasferimenti tad-data personali barra mill-Unjoni skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn ikun applikabbli, l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ***filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u s-solleċitazzjoni tat-tfal,*** l-għadd ta' każijiet li fihom utent ikun ressaq ilment mal-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew fittex rimedju ġudizzjarju u l-eżitu ta' tali ilmenti u proċedimenti ġudizzjarji, in-numri u l-proporzjonijiet tal-iżbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati, il-miżuri applikati biex jiġu limitati r-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba, il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati skont ir-Regolament (UE) 2016/679, u l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li magħhom tkun ġiet kondiviża d-data skont dan ir-Regolament.	(21) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa skont id-deroga previsti minn dan ir-Regolament, il-fornituri jenħtieġ li sat-3 ta' Frar 2022, u minn hemm 'il quddiem sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, jippubblikaw u jissottomettu rapporti lill-awtorità superviżorja kompetenti dežinjata skont ir-Regolament (UE) 2016/679 ("awtorità superviżorja") u lill-Kummissjoni. Tali rapporti jenħtieġ li ***jkopru*** l-ipproċessar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż it-tip u l-volumi tad-data pproċessata, il-motiv speċifiku li jiġi invokat għall-ipproċessar tad-data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679, il-motiv li jiġi invokat għat-trasferimenti tad-data personali barra mill-Unjoni skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn ikun applikabbli, l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online, l-għadd ta' każijiet li fihom utent ikun ressaq ilment mal-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew fittex rimedju ġudizzjarju u l-eżitu ta' tali ilmenti u proċedimenti ġudizzjarji, in-numri u l-proporzjonijiet tal-iżbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati, il-miżuri applikati biex jiġu limitati r-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba, il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati skont ir-Regolament (UE) 2016/679, u l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li magħhom tkun ġiet kondiviża d-data skont dan ir-Regolament.

Or. en

(32021R1232)

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu -1 (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 2 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1
	Fl-Artikolu 2, it-tielet paragrafu jitħassar.

Or. en

(32021R1232)

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu -1a (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1a
	Mudell għar-rapportar
	(1) Sabiex jiġi żgurat li r-rapporti jinqraw mill-magni, il-forniturigħandhom jippubblikaw ir-rapport f'format CSV (valuri separati b'virgola). Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli online l-verżjonijiet CSV u XLSX tal-mudell fl-Anness I.
	(2) Għall-forniturituas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri, l-ewwel ċiklu ta' rapportar wara d-dħul sħiħ tad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 20XX/XX fl-4 ta' Awwissu 2024 għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024. F'każ li l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-4 ta' Awwissu 2024 ma jsegwix il-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, dan għandu jiġi inkluż

f'taqsima separata tar-rapport li jmiss.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu -1b (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a – punt i

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1b
	Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (a)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(i) strettament meħtieġ għall-użu ta' teknoloġija speċifika għall-iskop uniku li jiġi identifikat u jitneħħa l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u li dan jiġi rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal ***u li tiġi identifikata s-sollecitazzjoni tat-tfal u din tiġi rrapportata lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal***;"	(i) strettament meħtieġ għall-użu ta' teknoloġija speċifika għall-iskop uniku li jiġi identifikat u jitneħħa l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u li dan jiġi rrapportat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

(32021R1232)

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu -1c (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1c
	Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(d) fir-rigward ta' teknoloġija ġdida, jiġifieri teknoloġija użata għall-iskop tal-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż	(d) fir-rigward ta' teknoloġija ġdida, jiġifieri teknoloġija użata għall-iskop tal-identifikazzjoni ta' materjal ta' abbuż

sesswali tat-tfal online li ma tkunx intużat minn xi fornitur fir-rigward ta' servizzi pprovduti lill-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri ("utenti") fl-Unjoni qabel it-2 ta' Awwissu 2021, ***u fir-rigward tat-teknoloġija użata għall-iskop tal-identifikazzjoni ta' sollečitazzjoni possibbli tat-tfal,*** il-fornitur jirrapporta lura lill-awtorità kompetenti dwar il-miżuri meħuda biex juri l-konformità mal-parir bil-miktub maħruġ f'konformità mal-Artikolu 36(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 mill-awtorità superviżorja kompetenti ddeżinjata skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 1, ta' dan ir-Regolament ("awtorità superviżorja") matul il-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel;"	sesswali tat-tfal online li ma tkunx intużat minn xi fornitur fir-rigward ta' servizzi pprovduti lill-utenti tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri ("utenti") fl-Unjoni qabel it-2 ta' Awwissu 2021, il-fornitur jirrapporta lura lill-awtorità kompetenti dwar il-miżuri meħuda biex juri l-konformità mal-parir bil-miktub maħruġ f'konformità mal-Artikolu 36(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 mill-awtorità superviżorja kompetenti ddeżinjata skont il-Kapitolu VI, it-Taqsima 1, ta' dan ir-Regolament ("awtorità superviżorja") matul il-proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel;

Or. en

(32021R1232)

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu -1d (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu -1d
	Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (f) jitħassar.

Or. en

(32021R1232)

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 1e (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – paragrafu 1– punt g – punt ii

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1e
	Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (g)(iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
" (iii) jiżguraw li materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online ***jew ta' sollecitazzjoni tat-tfal***, ma jiġix irrappurtat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal mingħajr il-konferma minn qabel mill-bniedem; "	" (iii) jiżguraw li materjal li ma jkunx ġie identifikat preċedentement bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online, ma jiġix irrappurtat lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal mingħajr il-konferma minn qabel mill-bniedem; "

Or. en

(32021R1232)

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu -1f (ġdid)
Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 3 – paragrafu 1– punt g – punt iii – punt 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	Artikolu -1f
	Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (g)(iii)(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:
" (4) l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online***, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online u s-sollecitazzjoni tat-tfal online***; "	" (4) l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online; "

Or. en

(32021R1232)

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Regolament (UE) 2021/1232
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika sat-3 ta'***Awwissu 2026***.	Għandu japplika sat-3 ta'***Mejju 2025***.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Anness 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS I
	Mudell għall-forniturі tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri
	PARTI I
	KUMMENTI ĠENERALI
	Skont l-Artikolu 3(1), il-punt f, is-subparagrafu (vii) tar-Regolament 2021/1232, il-forniturі tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għandhom jimlew il-mudelli f'dan l-Anness.
	Dawn huma l-kategoriji fir-Regolament:
	(1) it-tip u l-volumi tad-data pproċessata;
	(2) ir-raġuni speċifika invokata għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679;
	(3) ir-raġuni invokata għat-trasferimenti tad-data personali barra mill-Unjoni skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn ikun applikabbli;
	(4) l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online;
	(5) l-għadd ta' każijiet li fihom utent ikun ressaq ilment lill-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew lil xi awtorità ġudizzjarja u l-eżitu ta' dawk l-ilmenti;
	(6) in-numri u l-proporzjonijiet tal-iżbalji

(pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati;

(7) il-miżuri applikati biex jiġu limitati r-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba;

(8) il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati skont ir-Regolament (UE) 2016/679;

(9) l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li magħhom tkun ġiet kondiviża d-data skont dan ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li r-Regolament 2021/1232 ma jipprovdix mudell għar-rapportar, il-forniturikkondividew tipi differenti ta' informazzjoni, li ma kinux neċessarjament komparabbli, u dan jitlob li jiġi stabbilit mudell biex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' rapportar mill-forniturii skont l-Artikolu 3(1)(g)(vii) tar-Regolament (UE) 2021/1232

Emenda 17

Proposta għal regolament
ANNESS 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kategorija skont l-Artikolu 3(f)(1)(vii)	***Subkategorija***	***Deskrizzjoni***
1) it-tip u l-volumi tad-data pproċessata		
	Immaġnijiet li joriġinaw mill-UE	
	Immaġnijiet li joriġinaw Globalment	
	Vidjows li joriġinaw mill-UE	
	Vidjows li joriġinaw Globalment	
	Data dwar it-Traffiku relatata ma' data relatata mal-Utent/mar-	

	rapportatur/mal-kont	
	Data dwar it-Traffiku relatata ma' Metadata relatata ma' data dwar il-kontenut/it-tranżazzjonijiet	
	Data dwar it-Traffiku relatata ma' data relatata ma' vittma potenzjali	
	Data dwar it-Traffiku relatata ma' data dwar operazzjonijiet ta' abbuż	
	Indikaturi oħra	
2) ir-raġuni speċifika invokata għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679		
3) ir-raġuni invokata għat-trasferimenti tad-data personali barra mill-Unjoni skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn ikun applikabbli		
4) l-għadd ta' każijiet identifikati ta' abbuż sesswali tat-tfal online		
	Immaġnijiet li joriġinaw mill-UE	
	Immaġnijiet li joriġinaw Globalment	
	Vidjows li joriġinaw mill-UE	
	Vidjows li joriġinaw Globalment	
	Kont tal-Utent tal-UE involut	
	Kontijiet tal-Utent globalment	
	Elementi tal-kontenut irrapportati lill-NCMEC	
5) l-għadd ta' każijiet li fihom utent ikun ressaq ilment lill-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew lil xi awtorità ġudizzjarja u		

l-eżitu ta' dawk l-ilmenti;		
	il-kontijiet tal-UE li ġew ristretti għall-kondiviżjoni tas-CSAM	
	il-kontijiet tal-UE li appellaw kontra r-restrizzjonijiet/it-tneħħija	
	il-kontijiet tal-UE li ressqu lment lill-mekkaniżmu intern	
	il-kontijiet tal-UE li ressqu lment lill-awtorità ġudizzjarja	
	il-kontijiet tal-UE li reġgħu ddaħħlu wara rieżami	
6) in-numri u l-proporzjonijiet tal-iżbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati;		
7) il-miżuri applikati biex jiġu limitati r-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba;		
	teknoloġiji ta' tqabbil tal-hash	
	monitoraġġ u valutazzjoni tal-kwalità tal-prestazzjoni tal-għodod ta' identifikazzjoni tas-CSA	
	sorveljanza u rieżami uman: il-kampjuni tal-media identifikati bħala CSAM permezz ta' teknoloġiji ta' tqabbil tal-hash huma awditjati minn rieżaminaturi/analisti mħarrġa umani	
	immarkar u rieżami ta' raggruppamenti ta' volum għoli (Meta);	
	varar ta' proċessi ta' rieżami manwali ulterjuri bħala kontrolli tal-kwalità hash li għaddejjin bħalissa	

	rieżaminaturi umani li jkunu għaddejjin minn taħriġ robust speċjalizzat taħt il-gwida ta' konsulent dwar kif għandu jiġi rikonoxxut il-kontenut tas-CSAM biex tiġi żgurata l-preċiżjoni tar-rieżami uman	
	valutazzjonijiet perjodiċi tal-kontroll tal-kwalità ta' rieżaminaturi umani u l-verdetti li jiġu applikati	
	proċessi oħra ta' kontroll tal-kwalità biex jitnaqqsu l-iżbalji u r-rimedju immedjat, bħal verifika tal-hash indipendenti (Google, LinkedIn), rieżami uman ta' kull każ ta' CSAM li qatt ma deher qabel, qabel ma jsir ir-rapportar	
	żvilupp u rieżami regolari tal-politiki u l-istrateġiji ta' infurzar minn esperti mħarrġa fis-suġġett dwar is-CSA online	
	impenn ma' NCMEC CyberTipline	
	Indikaturi oħra	
8) il-politika taż-żamma u s-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data applikati skont ir-Regolament (UE) 2016/679;		
	il-perjodu ta' żamma għal kull skop u kategorija tad-data	
	miżuri biex tiġi żgurata l-minimizzazzjoni tad-data	
	salvagwardji tal-protezzjoni tad-data personali	

9) l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li magħhom tkun ġiet kondiviża d-data skont dan ir-Regolament;		
10) mhux kopert minn kwalunkwe keyword oħra.		

Or. en

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
European Commission, DG Migration and Home Affairs
Permanent Representation of Belgium
Permanent Representation of Germany
European Digital Rights
Meta
Microsoft

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.